# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 15 ta' Gunju, 2016**

**Talba Nru: 73/2016/VG**

**Kencar Company Limited [C-49828]**

**Vs**

**Jesmond MEJLAQ**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-3 ta' Marzu, 2016** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' tlett elef mija tlieta u ghoxrin euro u sebgha u erbghin centezmi ta' euro [€3,123.47c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Dan it-Tribunal qieghed jigi mitlub jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta attrici s-somma komplessiva ta' tlett elef, mija u tlieta u ghoxrin euro u sebgha u erbghin centezmu (€3,123.47c), rapprezentanti din is-somma il-bilanc dovut mill-intimat lis-socjeta attrici mill-prezz, inkluz it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ghal xoghol ta' elettriku u plumbing maghmul lilu mis-socjeta attrici, skont il-

fattura numru 13299 datata 8 t'Ottubru 2014. Ghalkemm l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex jissalda dan il-kont, huwa baqa; inadempjenti.

Bl-ispejjez kollha, u bl-imghax fuq l-ammont dovut mit-8 t'Ottubru 2014, data tal-fattura, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-intimat illi jinsab minn issa ngunta ghas-subizzjoni".

**Ra r-risposta ta' l-intimat minnu pprezentata fit-28 ta' Marzu, 2016** u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi billi ebda hlas ma huwa dovut kif mitlub.

L-esponenti hallas ghax-xoghol kollu ezegwit mill-attrici u ma fadallu jhallas xejn.

F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit ir-rikorrent ma ghandu dritt ghal ebda hlas ghaliex parti mix-xoghol ezegwit minnu kien hazin u l-eccipjenti kellu jinkariga terzi biex jirranga d-difetti.

F'kull kaz u minghajr pregudizzju ebda imghax ma huwa dovut.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri"

Ra n-nota mressqa mis-socjeta rikorrenti fis-seduta tal-15 ta' Gunju, 2016 u li permezz taghha hija rriduciet t-talba ghas-somma ta' elf u hames mitt euro (€1,500).

Ra n-nota mressqa mill-intimat fl-istess seduta tal-15 ta' Gunju, 2016 u li permezz taghha huwa ammetta t-talba kif ridotta.

Ra n-nota konguntiva tal-partijiet ukoll imressqa fis-seduta tal-15 ta' Gunju, 2016 u li permezz taghha huma qablu li:

a) L-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa;

b) Li s-socjeta rikorrenti tizbanka s-somma ta' €1,500 mill-atti tac-cedola numru 707/16;

c) Tawtorizza lill-intimat jirtira l-bilanc li jkun ghad fadal mill-imsemmija cedola;

d) Tohrog il-kontro-mandat opportun ghas-sekwestru nru. 501/16;

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Is-socjeta rikorrenti talbet il-hlas tas-somma ta' €3,123.47c liema somma giet ridotta permezz tan-nota taghha tal-15 ta' Gunju, 2016 ghal ammont ta' €1,500.

2. L-intimat da parti tieghu ressaq risposta ghat-talba tas-socjeta rikorrenti, izda invista tan-nota ta' ammissjoni tieghu ghall-ammont ridott, it-Tribunal ma huwiex sejjer jiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

3. Il-partijiet qablu ukoll li l-ispejjez tat-Talba odjerna jibqghu bla taxxa.

GHALDAQSTANT it-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tar-risposti ta' l-intimat in vista tan-

nota ta' ammissjoni mressqa minnu fis-seduta tal-15 ta' Gunju, 2016, jiddikjara li l-ammont ridott permezz tan-nota tas-socjeta rikorrenti datata 15 ta' Gunju, 2016 u cioe l-ammont ta' elf u hames mitt euro (€1,500) huwa dovut mill-intimat lis-socjeta rikorrenti bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont jibdew jidekorru kif mitlub u cioe mit-8 ta' Ottubru, 2014 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez, in vista tal-ftehim milhuq mill-partijiet, jibqghu bla taxxa.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**